QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.),**

**B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Joseph Abdilla)**
**vs.**
**Anthony Zammit**
**Michael Zammit**

Kaz numru: 81/2012

Illum 7 ta' Mejju 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Zammit,** ta' hamsa u hamsin (55) sena, bin il-mejjet Saviour u Jane nee' Apap, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex fl-10 ta' Frar 1957, residenti fil-fond numru 6, Triq Ta'

Gorf, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 8757(G) u **Michael Zammit**, ta' sittin (60) sena, bin il-mejjet Saviour u Jane nee' Apap, imwieled ix-Xaghra, Ghawdex fid-19 ta' Settembru 1951, residenti fil-fond Mike Mary, Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 64051(G), akkuzati, fuq talba tad-Direttur Generali (Dwana), talli f'isimhom proprju, kif ukoll bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanża tas-Soċjeta' SALVU ZAMMIT & Sons Limited, ta' Numru 16 , Shore Street, Mġarr, Għawdex:

a. talli fit-22 ta' Ottubru 2010 ittrassferixxew kontra l-liġi 6,873 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li ssir evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:
   Dan il-Gasoil għandu:
   Valur: €3,100.00 Dazju Tas-Sisa: €2,412.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €992.00;

b. ukoll talli fid-29 ta' Ottubru 2010 ittrasferixxew kontra l-liġi 11,000 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li ssir evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:
   Dan il- Gasoil għandu:

Valur: €4,934.00 Dazju Tas-Sisa: €4,193.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €1,643.00;

c. ukoll talli fl-4 ta' Novembru 2010, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fuq il-Bowser bin-Numru tar-Reġistrazzjoni KAB 487, proprjeta' ta' Salvu Zammit & Sons Co. Ltd, ġewwa l-Imġarr Għawdex, instab li, xjentement, kellhom fil-pussess u taħt il-kontroll tagħhom, u/jew kif ukoll kontra l-liġi laqghu għandhom, żammew jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' 11,000 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, li kien inħatt minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li xjentement issir evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:

Dan il- Gasoil għandu:

Valur: €4,869.00 Dazju Tas-Sisa: €4,206.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €1,634.00;

d. ukoll talli f'Novembru tal-2010 issottomettew informazzjoni permezz ta' dokumenti lill-uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal bejgħ tal-gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' Ottubru 2010 u 4 ta' Novembru 2010, minn fuq il-Bowser KAB 487 lill-United Comino Ferries għall-ammont ta' 8580 Litru, liema bejgħ ma seħħx:

Dan il-Gasoil għandu:

Valur: €3,861.47 Dazju Tas-Sisa: € 3,110.68 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €1,254.91;

d. i) ukoll talli fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija issottomettew informazzjoni permezz ta' dokumenti lill-uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal bejgħ ta' gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Novembru 2010 u t-3 ta' Novembru 2010 minn fuq il-Bowser KAB 487 lill-Comino Hotel għall-ammont ta' 1500 Litru u 1180 Litru, b'total ta' 2680 Litru, liema ammont reali kienu 500 Litru u 180 Litru rispettivament, b'total ta' 680 Litru, b'hekk il-bejgħ totali ta' 2000 Litru ma seħħx:

Dan il-Gasoil (2,000 Litru) għandu:

Valur: €897.09 Dazju Tas-Sisa: €762.36 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €298.73;

d. ii) ukoll talli fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija issottomettew informazzjoni b'dokumenti lill-Uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal trasferiment ta' gasoil, illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fl-4 ta' Novembru 2010 minn fuq il-Bowser KAB 487 għal fuq il-MT San Bert II għall-ammont ta' 2,813 Litru, għall-użu tal-istess M/T San Bert II liema ammont jifforma parti minn 11,000 litru li nħattu fl-istess ġurnata mill-M/T San Bert II għal fuq l-istess bowser u cioe' KAB 487:

Dan il-Gasoil (2,813 Litru) għandu:

Valur: €1,261.76 Dazju Tas-Sisa: €1,072.26 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €420.16;

d. iii) ukoll fiċ-ċirskostanzi fuq imsemmija ddikjaraw fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2010 issupplixxew lid-dgħajsa 'Jane S' b'2,600 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, meta din id-dgħajsa ma kinitx intitolata illi tuża minn dan it-tip ta' gasoil, apparti l-fatt li l-ammont indikat huwa frekwenti u esaġerat:
Dan il-Gasoil għandu:
Valur: €1,169.38 Dazju Tas-Sisa: €953.30 Taxxa fuq il-Valur Mizjud: €382.07;

e. ukoll talli fit-22 ta' Ottubru 2010, fid-29 ta' Ottubru 2010 u l-4 ta' Novembru 2010, kontra l-liġi xjentement ippermettew l-użu tal-vettura KAB 487, biex iġorr prodotti tal-Enerġija li fuqhom ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa;

f. ukoll talli naqsu li jħallsu fi żmien stipulat bil-liġi l-ammont ta' €2,618 Dazju tas-Sisa u €941 VAT;

L-imputati huma akkuzati wkoll, fuq talba tad-Direttur Generali (VAT), talli f'isimhom proprju, kif ukoll bħala Diretturi għan-nom u in rappreżentanża tas-Soċjeta' SALVU ZAMMIT & Sons Limited, ta' Numru 16 , Shore Street, Mġarr, Għawdex:

a. talli fit-22 ta' Ottubru 2010 ittrassferixxew kontra l-liġi 6,873 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li ssir evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:

   Dan il- Gasoil għandu:

   Valur: €3,100.00 Dazju Tas-Sisa: €2,412.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €992.00;

b. ukoll talli fid-29 ta' Ottubru 2010 ittrassferixxew kontra l-liġi 11,000 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li ssir evażjoni jew tentattiv ta' evażjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:

   Dan il- Gasoil għandu:

   Valur: €4,934.00 Dazju Tas-Sisa: €4,193.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €1,643.00;

c. ukoll talli fl-4 ta' Novembru 2010, wara intervent u tfittxija li saret mill-Uffiċjali tad-Dwana fuq il-Bowser bin-Numru tar-Reġistrazzjoni KAB 487, proprjeta' ta' Salvu Zammit & Sons Co.Ltd, ġewwa l-Imġarr Għawdex, instab li, xjentement, kellhom fil-pussess u taħt il-kontroll tagħhom, u/jew kif ukoll kontra l-liġi laqghu għandhom, żammew, jew kellhom b'xi mod x'jaqsmu fil-ġarr, twarrib, ħabi jew depożt ta' 11,000 litru gasoil illi fuqu ma

jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, li kien inħatt minn fuq l-MT San Bert II għal fuq il-Bowser KAB 487, u dan bil-ħsieb li xjentement issir evazjoni jew tentattiv ta' evazjoni ta' Dazju u t-Taxxa li jkunu jmisshom jinġabru fuqu, u/jew biex tinħeles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dan il-gasoil:

Dan il- Gasoil għandu:

Valur: €4,869.00 Dazju Tas-Sisa: €4,206.00 Taxxa Fuq il-Valur Miżjud: €1,634.00

d. ukoll talli f'Novembru tal-2010 issottomettew informazzjoni permezz ta' dokumenti lill-uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal bejgħ tal-gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' Ottubru 2010 u 4 ta' Novembru 2010, minn fuq il-Bowser KAB 487 lill-United Comino Ferries għall-ammont ta' 8580 Litru, liema bejgħ ma seħħx:

Dan il-Gasoil għandu:

Valur: €3,861.47 Dazju Tas-Sisa: € 3,110.68 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €1,254.91;

d. i) ukoll talli fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija issottomettew informazzjoni permezz ta' dokumenti lill-uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal bejgħ ta' gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fil-perjodu ta' bejn it-2 ta' Novembru 2010 u t-3 ta' Novembru 2010 minn fuq il-Bowser KAB 487 lill-Comino Hotel għall-ammont ta' 1500 Litru u 1180 Litru, b'total ta' 2680 Litru, liema

ammont reali kienu 500 Litru u 180 Litru rispettivament, b'total ta' 680 Litru, b'hekk il-bejgħ totali ta' 2000 Litru ma seħħx:

Dan il-Gasoil (2,000 Litru) għandu:

Valur: €897.09 Dazju Tas-Sisa: €762.36 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €298.73;

d. ii) ukoll talli fiċ-ċirkostanzi fuq imsemmija issottomettew informazzjoni b'dokumenti lill-Uffiċjali tad-Dwana li b'xi mod kienu foloz f'dettal sostanzjali, fis-sens li dawn id-dokumenti kienu jagħmlu referenza għal trasferiment ta' gasoil, illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, fl-4 ta' Novembru 2010 minn fuq il-Bowser KAB 487 għal fuq il-MT San Bert II għall-ammont ta' 2,813 Litru, għall-użu tal-istess M/T San Bert II liema ammont jifforma parti minn 11,000 litru li nħattu fl-istess ġurnata mill-M/T San Bert II għal fuq l-istess bowser u cioe' KAB 487:

Dan il-Gasoil (2,813 Litru) għandu:

Valur: €1,261.76 Dazju Tas-Sisa: €1,072.26 Taxxa fuq il-Valur Miżjud: €420.16;

d) iii) ukoll fiċ-ċirskostanzi fuq imsemmija ddikjaraw fil-perjodu ta' bejn it-22 ta' Ottubru u l-1 ta' Novembru 2010 issupplixxew lid-dgħajsa 'Jane S' b'2,600 litru gasoil illi fuqu ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa, meta din id-dgħajsa ma kinitx intitolata illi tuża minn dan it-tip ta' gas oil, apparti l-fatt li l-ammont indikat huwa frekwenti u esaġerat:

Dan il-Gasoil għandu:

Valur: €1,169.38 Dazju Tas-Sisa:€953.30 Taxxa fuq il-Valur Mizjud: €382.07

e. ukoll talli fit-22 ta' Ottubru 2010, fid-29 ta' Ottubru 2010 u l-4 ta' Novembru 2010, kontra l-liġi xjentement ippermettew l-użu tal-vettura KAB 487, biex iġorr prodotti tal-Enerġija li fuqhom ma jkunx tħallas id-Dazju tas-Sisa;

f. ukoll talli naqsu li jħallsu fi żmien stipulat bil-liġi l-ammont ta' €2,618 Dazju tas-Sisa u €941 VAT;

U b'hekk, l-imputat **Anthony ZAMMIT** sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' l-Appell u mill-Qorti tal-Magistrati Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula;

U b'hekk, l-imputat **Michael ZAMMIT** sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati Malta u Ghawdex, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Dicembru 2015 il-partijiet ezentaw lill-Qorti milli terga' tisma' x-xhieda kollha li diga kienu nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat l-Atti processwali kollha u d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputati jixhdu min jeddhom b'mod volontarju.

Rat illi fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2018 (Fol. 312) il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza sabiex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom rigward il-kaz.

Rat illi l-Prosekuzzjoni ma pprezentatx is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub minkejja li nghatat il-fakulta' li taghmel hekk.

Rat illi d-Difiza pprezentat is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub fid-29 ta' Jannar 2019 (Fol. 332 *et seq* tal-process).

**Ikkunsidat:**

**<u>Ri-Assunt tal-Provi Migjuba</u>**

L-**<u>Ispettur illum Assistent Kummissarju Ian Abdilla</u>** xehed fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012 (Fol. 19 *et seq*). L-Assistent Kummissarju Abdilla spjega li fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru 2010 kien dahal rapport mis-Sur Emanuel Sammut bhala kap tal-investigazzjonijiet ghad-Dwana. Sammut kien irraporta li fl-erbgha (4) ta' Novembru 2010 kien instab duty free diesel go tanker/bowser bin-numru tar-registrazzjoni KAB 487 li kien jghajjat lil certu Michael Zammit. Dan kien qieghed jaghmel floating ta' diesel apparantement bil-kuntrabandu minn fuq il-barge San Bert, liema diesel imbaghad kien qieghed jittiehed ghal garaxx minghajr awtorizzazzjoni tad-Dwana.

Kompla jghid li l-ufficjali tad-Dwana marru fuq il-post ghand Salvu Zammit & Sons, sabu t-trakk u hadu l-kampjuni necessarji. Michael Zammit ha wkoll ir-responsabbilita ghal dan is-shipment u ipproduca numru ta' invoices li jappartjenu lil United Gozo Ferries. Minn investigazzjoni pero' li saret mid-Dwana, Mark Bajada ghan-nom tal-United Gozo Ferries qal li l-invoices li kienu gew murija lilu ma kinux tieghu u li hu qatt ma harighom. L-invoices kellhom ukoll firem li ma kinux tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li fis-sebgha (7) ta' April 2011 huwa baghat ghal Michael Zammit. Dan irrilaxxa stqarrija wara li nghata d-debita twissija u wara li ghazel li ma jikkonsultax mal-Avukat tal-fiducja tieghu.

Zammit ikkonferma li kellu bowser (liema bowser kien gie issekwestrat mid-Dwana) waqt l-operazzjoni li kienet saret. Dan kien sehh wara li kien ghadu kemm ta l-fuel lill-vapuri tal-Gozo Channel mill-barge tieghu San Bert li kellha fuqha marine fuel. Dan il-fuel li huwa kien ghabba minn Ras il-Hanzir kellu n-national marker u kien iddecieda li jhott parti minn dan il-fuel go bowser biex jissupplixxi d-dghajjes tas-sajd. Qabel ma ghamel hekk huwa saq lejn il-garaxx li kien qieghed mal-premises tal-pompa tal-petrol li ghandu huwa stess. Sostna li ma kellux permess biex jaghmel dan. Pero haseb li ma kellux bzonn permess la darba l-istess fuel kellu n-national marker.

**<u>In kontro-ezami</u>** l-Assistent Kummissarju Abdilla spjega li l-involviment tal-Pulizija kien biss biex jiehdu l-istqarrijiet u johorgu c-charges. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk sarux il-pagamenti jew id-dikjarazzjonijiet skont il-ligi.

Fis-seduta tal-erbgha (4) ta' Gunju 2013, l-Assistent Kummissarju Ian Abdilla prezenta l-Memorandum and Articles of Association tal-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited, li juri li l-imputati huma d-diretturi tal-istess kumpanija.

**<u>Joseph Borg</u>** (Fol. 37 *et seq*), Spettur tad-Dwana, ikkonferma l-Letter to Prosecute mahruga mid-Dipartiment tad-Dwana markata bhala Dokument IA 2. Ix-xhud esebixxa wkoll diversi Noti ta' Qbid rigward il-gas oil li gie elevat kif wkoll Nota ta' Qbid ghall-vapur MT San Bert II. Sussegwentement pero' kienet saret garanzija bankarja biex

tissosstitwixxi lil San Bert. Ix-xhud ipprezenta wkoll Nota ta' Qbid tat-truck KAB 487 kif wkoll garanzija bankarja li tissostitwixxi t-trakk.

**In kontro-ezami**, ix-xhud ikkonferma li rigward il-qbid li sar fl-erbgha (4) ta' Novembru 2010 id-Dwana xorta tippretendi li jsir il-hlas u d-dikjarazzjoni tal-ammont li gie maqbud minkejja li l-fuel ingabar mid-Dwana. Ix-xhud ghamilha cara li dak li hu dovut jibqa dovut dejjem.

F'seduta sussegwenti (Fol. 171 *et seq*.) x-xhud esebixxa formalment it-tmien kampjuni li kienu ttiehdu. **In kontro-ezami** spjega li zewg kampjuni ttiehdu minn fuq il-barge, hamsa (5) minnhom minn fuq il-bowser KAB 487 u l-ahhar kampjun minn gol-fuel tank tal-bowser. Sostna li l-kampjuni huma issiggillati u li meta ttiehdu, ittiehdu tlett kampjuni minn kull post, zewg kampjuni jinzammu mid-Dwana u l-iehor inghata lil Zammit.

**Connie Azzopardi** (Fol. 47) ghan-nom tad-Direttur tal-VAT ikkonfermat il-Letter to Prosecute mahruga mid-Dipartiment tal-VAT u esebita bhala Dokument IA 3.

**Saviour Farrugia** (Fol. 74 *et seq*) ghan-nom ta' Transport Malta (Fol. 74) xehed li l-vettura KAB 487 hija registrata fuq il-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited u ilha hekk registrata sa mis-sittax (16) ta' Novembru 2006. Fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju 2014, Saviour Farrugia rega' xehed u indika li t-trakk bin-numru tar-registrazzjoni KAB 187 tal-marka Toyota Dyna huwa registrat fuq isem Grazio Borg (ID 36279M).

**<u>Carmel Farrugia</u>** (Fol. 77 *et seq.*), spettur tad-Dwana spjega li fil-25 ta' Novembru 2010 huwa kien gie inkarigat biex jinzel Ghawdex u jiccekkja xi boat ferries li jmorru Kemmuna rigward il-fuel. Huwa kien flimkien mal-kollega tieghu Anthony Bonello. L-Ispetturi ghamlu kuntatt ma' Mark Bajada li kien gie identifikat bhala l-persuna li seta' jaghtihom informazzjoni dwar invoices ta' xiri ta' fuel minghand Zammit. Ix-xhud pero ma kienx jaf kif dawn l-invoices kienu spiccaw ghand tad-Dwana. Meta mitkellem minn Farrugia, Mark Bajada sostna li dawn l-invoices ma kienx uzahom hu u li l-firma fuq l-invoices ma kinitx tieghu. Bajada ghadda wkoll invoices tal-fuel li huwa kien xtara minghand Zammit. Minn hemmhekk Farrugia nghata struzzjonijiet biex imur ghand l-imputati Zammit fejn minn hemm huwa gabar l-invoice books. Ix-xhud ottjena wkoll dikjarazzjoni dwar kemm tesa' fuel San Bert.

**<u>In kontro-ezami</u>** Farrugia xehed li l-istruzzjonijiet sabiex issir l-ispezzjoni kien tahomlu Manuel Sammut u li l-ircevuti kien ghaddihomlu Cali Attard.

**<u>Anthony Bonello</u>** (Fol. 104 *et seq.*) spjega li bhala spettur tad-Dwana hu flimkien ma' Carmel Farrugia kellu struzzjonijiet biex jitilghu Ghawdex halli jinvestigaw dokumenti relatati ma' bejgh ta' fuel lil dghajjes li jahdmu bejn Malta, Ghawdex u Kemmuna. Ix-xhud ma kienx fil-posizzjoni li jghid minn fejn kienu gew id-dokumenti li Carmel Farrugia kellu. Minn informazzjoni migbura saru jafu li Mark Bajada kien is-sid tal-lanca United Ferries u huma ltaqghu mieghu fejn urewh l-invoices. Bajada sostna maghhom li l-invoices ma kinux jirreferu ghalih u li l-

firma fuq l-invoices lanqas ma kienet tieghu. Bajada ghaddielhom invoices tal-fuel li kien gie mixtri minnu. Ix-xhud ikkonferma wkoll li kienet saret dikjarazzjoni f'dan is-sens minn Mark Bajada. Minn hemm, hu flimkien ma' Farrugia baqghu sejrin ghand id-ditta Salvu Zammit & Sons minn fejn elevaw tlett (3) invoice books u gabu dikjarazzjoni dwar l-istorage capacity ta' San Bert.

**In kontro-ezami**, Bonello sostna li ghar-rigward l-invoices Bajada kien ikkonferma dak li kien hemm fuq id-dikjarazzjoni tieghu. B'riferenza ghal ricevuti li fuqhom kien hemm il-kliem Jane S, ix-xhud qal li din kienet il-lanca ta' Zammit. Huma kienu talbu l-logbook. Pero' Michael Zammit kien qalilhom li logbook ma jzommx. Minn dawn l-ircevuti ma kienx irrizulta jekk kinux foloz. B'riferenza ghall-invoices esebiti, ix-xhud ikkonferma li dawn kienu qeghdin juru biss kwantita' u mhux ammont ta' flus. Ix-xhud spjega li huma setghu jqabblu biss skont kif qalilhom Bajada li ma kienx ha dak l-ammont ta' fuel. Ix-xhud temm jghid li ma rrizultax l-ammont li nbiegh mill-invoices u li hu mill-investigazzjoni tieghu ma kienx sejjer jasal sa hemm u li allura ma setax jghid jekk kienx hemm evazjoni.

**Anthony Fenech** (Fol. 110 *et seq.*) fizzjal tad-Dwana xehed li huwa flimkien ma' Vince Agius u Saviour Buhagiar kienu marru biex jiccekkjaw il-bowser KAB 487 li kien qed ihott fuel minn fuq il-barge San Bert. Dan il-bowser kien fil-fond ta' Zammit Service Station f'numru 16, Triq l-Imgarr. Spjega li huma hadu s-samples mill-kompartimenti kollha tal-bowser u anke mit-tank tal-fuel biex jiccekkjaw in-national marker halli jkollhom konferma li d-diesel ikun gie mixtri min-naha tal-

Enemalta. Michael Zammit ghaddielu l-invoices minn fejn kien gab ix-xoghol kif ukoll dokument li juri x-xoghol li kien ghadda lil Gaudos. Minn hemm imbaghad hu flimkien mal-ispetturi l-ohra marru fuq il-Gaudos tal-Gozo Channel peress li huma kellhom struzzjonijiet li jmorru fuqu wkoll. Rigward ir-rizultati tas-samples li ttiehdu, ix-xhud ma kellux idea.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud qal li huwa kien mar fuq il-post fl-erbgha (4) ta' Novembru 2010. Ikkonferma wkoll li l-vettura KAB 487 ma kinitx maqbuda dakinhar. Is-samples ittiehdu mill-bowser waqt li dan kien fil-garaxx.

**<u>Bernardette Mallia</u>** (Fol. 123 *et seq*) xehdet li hija tokkupa l-kariga ta' Analista fid-Dipartiment tad-Dwana. Fil-hamsa (5) ta' Novembru 2010 hija kienet giet mghoddija numru ta' kampjuni mill-Enforcement biex ticcekkja n-national marker u s-solvent yellow. Spjegat li kien hemm sitt kampjuni differenti u kellhom kollha s-solvent yellow li kien 4.2mgs/lt. Dan is-solvent yellow huwa l-Euro marker li jizdied mal-fuel li jkun duty free u bhala limits irid ikun bejn 6 – 9 mgs/lt. Mit-testijiet irrizulta li s-solvent yellow kien anqas milli suppost ikun. Ix-xhud pero' ma kinitx f'posizzjoni li tghid x'sinjifikat kien hemm fil-fatt li dan is-solvent yellow kien anqas mil-limitu.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud wiegbet li t-testijiet taghmilhom hi wehidha. Ikkonfermat li dak li sabet hi kien anqas mill-minimu stabbilit mil-ligi. Mistoqsija jekk taghmilx differenza minn fejn jittiehed il-kampjun u jekk dan jistax iwassal biex ikun hemm varjanza fil-livelli, ix-xhud ma

setghetx tghid. Qalet li ma tafx kif dan is-solvent jigi mizjud mal-fuel. Qalet wkoll li jekk ikun imhallat kif suppost il-livell tas-solvent irid ikun l-istess. Mistoqsija jekk jistax jkun hemm possibilita ta' varjanza, ix-xhud qalet li ma kinitx taf.

**Mark Bajada** (Fol. 151 *et seq*) xehed li huwa flimkien ma' shabu joperaw taht l-isem United Comino Ferries. Xehed li lill-imputati jafhom ghaliex kien jixtri l-fuel minghandhom. Spjega li f'xi zmien kienu marru tad-Dwana ghandu d-dar biex jiccekjaw dwar fuel li kien xtara u wriehom il-karti li kellu. Hu qal li tad-Dwana kienu wrewh xi karti ohra u hu kien cahad li kienu tieghu. Ix-xhud gie muri d-dokumenti li kienu gew prezentanti u markati bhala Dokument CF 1 sa CF 18 u kkonferma li ma kinux tieghu. Lanqas ma kienu ghaddew minn taht idejh bhala l-persuna li jiehu hsieb ix-xiri tal-fuel ghan-nom tal-United Comino Ferries. Ix-xhud esebixxa wkoll numru ta' cash sales invoices li juru ammonti mhallsa lill-kumpanija Salvu Zammit & Sons ghall-fuel mixtri.

**In kontro-ezami** x-xhud qal li bhala procedura meta jixtri minghand Zammit ma jhallasx mill-ewwel. Ihallas fl-ahhar tax-xahar. Huwa jikteb il-fuel li jkun ha u mbaghad iqabbel ma' ta' Zammit. Huwa kkonferma li fuq l-invoices li gew esebiti mill-Prosekuzzjoni kien hemm indikat biss l-ammont ta' fuel u ma kienx hemm ammonti ta' flus bhad-dokumenti li gew esebiti minnu. Ikkonferma li meta jmur ghand Zammit huwa jkollu biss il-cash sales, ma jkollux invoice jew statement. Qal ukoll li qatt ma kellu cash sale fejn jindika l-ammont ta' diesel.

**<u>Peter Buhagiar</u>** (Fol. 175 *et seq*) ghan-nom tar-Registratur Merchant Shipping Directorate tat-Transport Malta xehed li d-dghajjes San Bert II u Jane S huma t-tnejn registrati fuq isem Michael Zammit (ID 64051G). Rigward San Bert II hemm indikat l-indirizz 16, Shore Street, Imgarr, Ghawdex filwaqt li fir-rigward ta' Jane S l-indirizz huwa "Mikemary", Triq l-Imgarr, Ghajnsielem, Ghawdex.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud gie mistoqsi ghalfejn Jane S kienet indikata bhala work boat. Huwa spjega li tali deskrizzjoni tohrog mis-surveyor. Spjega li hemm distinzjoni bejn pleasure boat u work boat. Pleasure boat tintuza ghall-uzu personali tas-sid filwaqt li work boat tintuza ghall-affarijiet relatati mad-deskrizzjoni taghha. Ix-xhud pero' ma kienx fil-posizzjoni li jwiegeb jekk work boat hijiex intitolata ghal fuel duty free ghax il-Merchant Shipping Directorate ma jidholx f'dak l-operat.

**<u>In ri-ezami</u>**, ix-xhud indika li San Bert kienet giet registrata temporanjament fuq isem Michael Zammit fl-20 ta' Awissu 1987 u mbaghad ir-registrazzjoni nqalbet ghal wahda permanenti fl-24 ta' Frar 1988. Jane S kienet giet registrata b'mod provizorju fil-25 ta' Lulju 2003 f'isem Michael Zammit u r-registrazzjoni saret permanenti fit-22 ta' Jannar 2004. Originarjament Jane S kienet giet registrata bhala pleasure yacht. Izda imbaghad fit-22 ta' Gunju 2010 id-deskrizzjoni taghha inbidlet ghal work boat.

**<u>Stephen Mifsud</u>** (Fol. 182) Fuel Analyst mal-Malta Resources Authorityipprezenta kopja tal-licenzja tal-petrol station ta' Salvu Zammit & Sons. Spjega li din il-licenzja harget fuq isem Michael Zammit u ghandha l-

indirizz 16, Shore Street, Mgarr. Spjega wkoll li fit-termini ta' din il-licenzja l-pompa setghet tforni biss fuel li jintuza fit-toroq u li ma setghetx tbiegh jew tahzen fuel duty free. Sabiex jinhazen diesel duty free ried jinhareg permess separat mill-Malta Resources Authority. Ix-xhud ma kellux impressjoni li Zammit kienu applikaw ghall-permess biex jahznu duty free diesel. Temm jghid li l-Awtorita ilha responsabbli ghall-hrug ta' dawn il-permessi fl-2010.

**In kontro-ezami**, ix-xhud qal li ma kienx infurmat jekk il-kumpanija kellhiex text warehouse certificate fuq 16, Shore Street, Mgarr, Ghawdex. L-unika haga li seta' jghid kien li Zammit awtorizzati jahdmu b'pompa tal-petrol minn dak l-indirizz.

**Dr Martin Bajada** (Fol. 228 *et seq.*) – espert nominat mill-Qorti sabiex jiehu kampjuni ta' firem ta' Michael Zammit, Anthony Zammit u Mark Bajada u jaghmel ezami komparattiv taghhom mal-kitba u l-firem li jirrizultaw f'dokumenti CF 1 sa CF 18 – ikkonkluda li l-firem ta' Mark Bajada f' Dokumenti CF 1, CF 3, CF 7, CF 9, CF 13, CF 15 u CF 18 ma kinux il-firem ta' Mark Bajada izda simulazzjoni u cioe' firem foloz. Dr. Bajada kkonkluda wkoll li minn ezami komparattiv bejn il-firma ta' Anthony Zammit u l-firem fuq il-fatturi Dokumenti CF 1, CF 3, CF 7, CF 9, CF 13, CF 15 u CF 18, il-firem irrizultaw identici u li ghalhekk ma kien hemm l-ebda dubju li dawn il-fatturi nkitbu u gew iffirmati minn Anthony Zammit.

**Profs Alfred Vella** (Fol. 229 *et seq.*) li gie mahtur sabiex jaghmel analizi ta' kampjuni tad-diesel fuel ghal-livell ta' kubrit spjega fir-rapport

tieghu li marine diesel ghall-kuntrarju ta' diesel ghall-vetturi jkun fih livell hafna oghla ta' kubrit peress li dan huwa permess mil-legislazzjoni prezenti. Spjega wkoll li fid-diesel fuel l-ufficjali tad-Dwana jzidu ammont zghir ta' kimika maghrufa bhala National Marker biex biha wiehed ikun jista' jidentifika l-fuel li fuqu tkun thallset is-sisa u dak li ma tkunx thallset sisa. Tali kimika m'ghandiex kulur u tigi identifikata b'test li jsir apposta. Kompla jghid fir-rapport tieghu li l-gas oil li tkun thallset is-sisa fuqu ikollu n-National Marker u l-kulur tieghu jkun abjad. Il-gas oil duty free jinghata sustanza biex jigi b'kulur ahmar u f'dan il-fuel ma tigix mizjuda l-kimika tan-National Marker. Minflok titpogga sustanza maghrufa bhala solvent yellow. Qal ukoll li jezisti gas oil duty rebate li huwa fuel li jinghata bi prezz specjali ghall-uzu tas-sajjieda. Dan il-fuel ikollu mhallat mieghu il-kulur ahmar, is-solvent yellow u n-national marker.

Mill-ezamijiet li ghamel Profs. Vella fuq il-kampjuni provduti minnu mid-Dwana irrizulta li seba' mit-tmien kampjuni li kienu gew elevati mill-kompartiment tal-bowser KAB 487 kif ukoll kampjun li ttiehed mill-fuel tank tal-bowser, kien fihom koncentrazzjoni ta' kubrit gholja li ma tippermittix li tali diesel jintuza bhala fuel ghall-vetturi fit-triq. Profs. Vella innota wkoll li l-kampjuni li ttiehdu mill-kompartimenti tal-bowser KAB 487 kellhom il-kulur ahmar li normalment jintuza bhala gas oil duty free jew tal-gas oil duty rebate. Pero' fl-istess hin irrimarka li l-livell ta' kubrit ma kienx gholi hafna: kien ta' 400ppm meta l-livell massimu huwa ta' 1000ppm. Huwa qies li ma kienx verosimili li gas oil iddestinat ghall-uzu fuq il-bahar ikollu daqshekk livelli baxxi ta' kubrit tenut kont li aktar ma jkunx baxx il-livell ta' kubrit aktar ikun gholi l-

prezz tieghu. Profs. Vella wasal ghall-konkluzjoni li x'aktarx dawn il-fuels homor b'livell ta' kubrit baxx kienu gew maghmula minn tahlit ta' gas oil duty free jew gas oil duty rebate mixtri regolarment ma' fuel b'kontenut ta' kubrit baxx li jkun gie prokurat b'manjiera irregolari (u cioe' li fuqu ma tkunx thallset sisa) biex b'hekk it-tahlita jkollha livell ta' kubrit li huwa l-weighted average tal-komponenti fit-tahlita. Profs. Vella temm jghid li dan ukoll x'aktarx jispjega l-livell ta' kubrit fil-fuel li nstab fit-tank tal-fuel tal-bowser hlief li f'dan il-kaz it-tahlita setghet kienet bejn diesel fuel mixtri rregolarment u gas oil duty paid li ma jkunx fih il-kolorant ahmar.

L-imputat **Michael Zammit** (Fol. 279 *et seq.*)[1] xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2017. Huwa beda biex qal li huwa direttur tal-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited, li llum hija maghrufa bhala Go Fuels. Spjega li l-kumpanija kellha licenzji mad-Dwana li tista' tahzen u ggorr fuel sewwa duty paid u anke duty free ghall-konsum lokali u ghall-vapuri li jbahhru. Fil-fatt kellhom Tax Warehouse certificate li kien jghajjat lill-kumpanija. Ma' din il-licenzja jkun hemm marbuta anke garanziji. It-Tax Warehouse Certificate kellu jiskadi f' April 2010. Meta huwa talab biex tiggedded il-licenzja, gie nfurmat mid-Dwana li l-licenzji ma kinux sejrin johorgu peress li kien sejjer ikun hemm bdil fit-taxxa tas-Sisa u li ghalissa kellhom jibqghu jahdmu bil-licenzji li kellhom. Spjega li t-tax warehouse certificate kien jirreferi ghas-San Bert. Rigward il-bowser KAB 487, kienet saret talba biex dan jidhol fit-Tax Warehouse Certificate. Pero' peress li ma kinux qed

[1] Giet inserita wkoll ix-xhieda li ta Michael Zammit fil-kawza numru 444/2012 nhar it-18 ta' Ottubru 2016. Pero' din ma kinitx rilevanti ghall-akkuzi odjerni.

johorgu licenzji, inghataw struzzjonijiet biex jahdmu bih xorta. Sostna wkoll li l-fuel fil-vettura KAB 487 ma kien xejn gas oil duty free. Kien gas oil li huwa mmarkat bir-Red dye u li kellu anke n-national marker.

Kompla jghid li l-fuel minn fuq il-KAB 487 kien gej minn fuq il-barge San Bert. Dan kien tghabba fuqha mitt tunnellata fuel minghand l-Enemalta fil-presenza tal-ufficjali tad-Dwana. Dan kien immarkat bir-Red Dye u n-national marker. Bhala procedura mad-Dwana fl-ahhar ta' kull xahar jindikaw kemm ikun gie mghobbi fuel u jigi mhallas l-ammont dovut. Spjega wkoll li l-fuel bir-red dye irid imur ghall-opri tal-bahar u anke ghall-vapuri tal-Gozo Channel jew opri tal-bahar li huma awtorizzati. Comino Hotel u United Comino Ferries kienu awtorizzati li jiehdu minn dan it-tip ta' fuel peress li huma entitajiet kummercjali.

B'riferenza ghal Mark Bajada l-imputat Michael Zammit qal li jafu peress li ghandu d-dghajjes ghall-gar tat-turisti u gieli xtara fuel minghandhom. L-imputat Michael Zammit cahad li huwa iffalsifika xi dokumenti biex juri li ta xi gas oil lil Bajada. Bhala procedura spjega li meta Bajada jixtri l-fuel, tinhariglu invoice u huwa jigi jhallas wara. Ma kien jintalab jiffirma xejn u mbaghad kien imur wara l-ufficcju taghhom u jirrangaw il-karti. Rigward il-Jane S, l-imputat spjega wkoll li dik hija lanca taghhom u hija awtorizzata li tiehu dan it-tip ta' fuel.

**In kontro-ezami** l-imputat Michael Zammit qal li ilu f'dan ix-xoghol ghal aktar minn erbghin sena u li konxju tal-procedura tal-fuel. Mistoqsi minn qallu mid-Dwana biex ikompli jahdem, l-imputat indika lis-Sur

Xerri. Dan intqal lilu b'mod verbali u li Chris Cini seta' jikkonferma dan. Rigward il-bowser li ried jiddahhal fl-iskema, ix-xhud qal li huma ippruvaw idahhluh fl-iskema izda mid-Dwana qalulhom li ma kinux qeghdin johorgu permessi. Madanakollu setghu jaqbdu u juzawh. Qal ukoll li d-dokumenti li gew mghoddija lid-Dwana gew mghoddija minn Chris Cini. Fuq id-dokumenti li gew prezentati huwa qatt ma iffirma.

**In ri-ezami** l-imputat Michael Zammit qal li l-fattura tohrogha l-kumpanija. Ix-xhud rega' ikkonferma li mid-Dwana qalulu biex jibqa' jopera bit-trakkijiet sakemm johorgu l-licenzji ghax kien sejjer ikun hemm kambjament fuq it-taxxa tas-Sisa. Ikkonferma wkoll li t-Tax Warehouse Certificates il-godda mill-2010 inhargu fl-2017.

L-imputat **Anthony Zammit** (Fol. 290 *et seq.*)[2] xehed fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Novembru 2017. Beda biex qal li huwa direttur tal-kumpanija Go Fuels. B'riferenza ghall-fatturi ta' Mark Bajada u l-akkuza dwar il-falsifikazzjoni ta' firem, l-imputat Anthony Zammit cahad li huwa qatt iffirma firem ta' haddiehor. B'riferenza ghall-procedura ta' xiri ta' fuel minn Mark Bajada, ix-xhud spjega li Bajada kien imur jiehu l-fuel u mbaghad kien jaghmlulu invoice u mbaghad ihallas. L-invoice kienet tohrog mill-ufficcju tal-kumpanija u lil Mark Bajada ma kinux jitolbuh jiffirma. Bajada kien jixtri l-fuel minghandhom peress li jopera d-dghajjes minn Kemmuna u allura kien jixtri l-fuel tat-tip commercial, cioe' l-marine gas oil. L-istess tip ta' fuel kien jinxtara mill-Comino Hotel. L-imputat Anthony Zammit ikkonferma li hu personalment gieli

[2] Giet inserita wkoll ix-xhieda li ta Anthony Zammit fil-kawza numru 444/2012 nhar il-11 ta' Jannar 2017. Pero' din ma kinitx rilevanti ghall-akkuzi odjerni.

ta fuel lil United Common Ferries, lil Comino Hotel u lil Mark Bajada. Bhala procedura Bajada ma kienx ihallas ghal fuel dak il-hin. Kompla jghid li meta kien jiehu l-fuel, huwa kien jiehu nota fuq ktieb u mbaghad fl-ahhar tax-xahar kienu jsiru l-verifiki mieghu u jinhareg il-kont.

Rigward it-trasferiment tal-hdax -il elf litru fuel, ix-xhud spjega li dan il-fuel xtrawh minn Enemalta. Huma normalment imorru bil-barge jew bil-bowsers u jghabbu fil-presenza tar-rapprezentanti tad-Dwana li jaghmlu l-verifiki necessarji. Fl-ahhar tax-xahar mill-ufficcju tal-kumpanija mbaghad jiehdu hsieb li jaghmlu l-pagamenti dovuti lid-Dwana wara li tigi verifikata l-kwantita' u l-kwalita' tal-fuel li jkun ittiehed. Ikkonferma li l-hlas ma jsirx mill-ewwel imma fl-ahhar tax-xahar. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni li jwiegeb x'jigri jekk il-fuel ma jinbieghx kollu.

**<u>In kontro-ezami</u>** u b'riferenza ghall-akkuza dwar il-firem foloz, l-imputat rega' cahad li ghamel xi firem foloz.

**<u>Chris Cini</u>** (Fol. 297 *et seq.*) xehed li huwa inkarigat sabiex jirraporta lid-Dwana bil-moviment u x-xiri tal-fuel li kienet taghmel il-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited li llum l-operat taghha taghmlu GO Fuels Limited. Spjega li l-kumpanija timporta diversi tipi ta' fuels, kemm dawk li jintuzaw fil-petrol stations u anke fuel ghall-uzu marittimu. Bhala fuel duty free jintalab permess mid-Dwana biex dan it-tip ta' diesel ikun jista' jinghata lill-vapuri li ghandhom permess juzaw dan it-tip ta' diesel. Hemm ukoll diesel li jkun duty paid li wkoll jigi supplit lill-vapuri. Id-diesel jintghazel mill-kulur u kemm id-diesel tad-duty

free li ghandu l-kulur ahmar u anke d-diesels l-ohrajn li jithallas id-duty fuqu jkun fihom in-national marker.

Spjega wkoll li d-Dwana tohrog licenzja biex kumpanija tkun tista' tahzen diesel li fuqu jkun ghadu ma thallasx dazju u liema dazju mbaghad jingabar meta jinbiegh. Il-kumpanija tkun obbligata li tirraporta kemm ikollha diesel u l-movimenti tad-diesel. Tali licenzja hija maghrufa bhala Tax Warehouse Certificate. Ikkonferma li licenzja bhal din inharget fuq isem il-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited u li tali licenzja kienet tintitola lill-kumpanija li tahzen u li tista' taghmel movimenti ta' fuel li ma jkunx ghadu thallas dazju fuqu. Lid-Dwana jigi indikat lilha l-vetturi, il-vapuri jew il-postijiet biex il-kumpanija tkun tista' taghmel u tmexxi l-operat taghha. Il-licenzja jkollha zmien ta' validita' u din tkun trid tiggedded minn zmien ghal zmien. Ix-xhud ikkonferma l-licenzja li kienet inharget fuq isem is-San Bert fis-26 ta' April 2005. Spjega wkoll li din kellha tiskadi f'April 2010 u li qabel April 2010, huwa kien ha hsieb biex din tiggedded. Huwa kien ghamel kuntatt mad-Dwana. Qal li dak iz-zmien id-Dwana kienet ghaddejja minn zmien biex tirranga l-proceduri interni taghha u kienu ghadhom mhux cari jekk u kif sejrin jinhargu l-licenzji f'April 2010. Meta beda joqrob iz-zmien tal-iskadenza tal-licenzja, il-kumpanija bdiet taghmel pressjoni fuq id-Dwana biex tara x'sejjer jigri u mill-fuel section kien hemm indikazzjoni li kien hemm problema peress li kien sejjer jinbidel l-ammont ta' dazju li jithallas fuq il-fuel. Ir-rata tad-dazju taffettwa ghax abbazi taghha tkun trid tinhareg il-garanzija biex jekk ikun hemm nuqqas min-naha tal-kumpanija d-Dwana tkun tista' tiehu minn din il-garanzija. Spjega li s-sitwazzjoni giet irrangata biss fl-2017.

Kompla jghid li d-Dwana kienet irrikonoxxiet li min qieghed jahdem seta' jibqa' jahdem. Il-kumpanija kienu qalulha biex tkompli tahdem minghajr l-ebda problema sakemm ikellmuhom tad-Dwana. Tali awtorizzazzjoni inghatat verbalment. Spjega wkoll li meta bowser jew vapur jidhol gewwa t-terminal, il-fizzjal tad-Dwana jkun jaf li dak il-vapur jew dik il-vettura hija licenzjata li tahzen jew inkella tircievi dak il-fuel li tkun qeghda titlob. Li kieku d-Dwana riedet twaqqafhom, il-fizzjal tad-Dwana ma kienx ihalli li issir it-taghbija tal-fuel. Lill-kumpanija dan kien jaghtiha s-serhan tal-mohh li l-kumpanija setghet tibqa' topera. Ikkonferma wkoll li apparti c-certifikat ghas-San Bert, il-kumpanija kellha certifikati ohra.

Rigward il-vettura KAB 487, Cini spjega li l-kumpanija kienet talbet biex dan il-bowser jizdied mat-Tax Warehouse Certificate. Pero' peress li d-Dwana kienet ghaddejja minn zmien ta' organizzazzjoni interna u t-Tax Warehouse Certificate l-gdid ma setax johrog peress li l-garanzija bankarja l-gdida ma setghetx tigi ikkalkulata, kien inghata permess verbali biex il-kumpanija xorta topera bil-vettura KAB 487. Infatti din il-vettura ntuzat sabiex inhareg fuel mid-duty free terminal tal-Enemalta fil-presenza tal-fizzjal tad-Dwana. Ix-xhud qal li kieku d-Dwana kellha oggezzjoni sabiex jintuza dan il-bowser, dan ma kienx jithalla johrog mid-Duty Free tal-Enemalta.

B'riferenza ghall-akkuzi, Cini spjega li l-vetturi, bowsers u l-vapuri tal-kumpanija kollha kienu qeghdin jircievu l-fuel mit-terminal tal-Enemalta. Ikkonferma li d-Dwana kienet dejjem konxja tax-xiri ta' fuel li

kienet qeghda taghmel il-kumpanija. Bhala procedura spjega li wara li l-vettura jew il-bowser ikun iccekkjat mill-fizzjal tad-Dwana, fl-ahhar ta' kull xahar isir rapport lid-Dwana kemm kien il-moviment ta' fuel fis-sens kemm kien il-fuel li l-kumpanija rceviet u kemm il-fuel mibjugh lill-klijenti. Id-dazju jingabar minghand il-klijenti, anke jekk ikunu intitolati li jircievu diesel duty free, u mbaghad il-klijenti jiehdu hsieb jiehdu r-rifuzjoni mid-Dwana. Il-hlas tad-dazju jsir fl-ahhar ta' kull xahar u mieghu jintbaghat rapport. Ix-xhud kien jiehu hsieb li jsir dan ir-rapport. Ix-xhud ipprezenta r-rapport ghax-xahar ta' Ottubru 2010 rigward il-fuel kif ukoll dokumenti ohra li juru t-trasferiment ta' fuel minn tax warehouse ghall-ohra, precizament mis-San Bert ghal fuq it-trakk KAB 487. Id-Dwana tkun anke rceviet kopji ta' dawn id-dokumenti.

Ix-xhud ikkonferma wkoll li Comino Hotels u United Comino Ferries kienu klijenti regolari tal-kumpanija u kienu jiehdu fuel duty free ta' kulur ahmar u mbaghad kienu jinghataw rifuzjoni tad-dazju li jkunu hallsu. Il-bejgh jigi rapportat ukoll lid-Dwana.

**<u>In kontro-ezami</u>** Chris Cini wiegeb li kien ilu mal-kumpanija hdax -il sena. Ikkonferma li clearnace bil-miktub min-naha tad-Dwana ma kellux fuq it-trakk. Mistoqsi meta saru d-dokumenti tat-trasferimenti minn San Bert ghal fuq it-trakk KAB 487, ix-xhud ma ftakarx imma qal li jsiru meta jghaddu t-trasferimenti. Mistoqsi jekk dawn id-dokumenti hux suppost isiru qabel jew waqt it-trasferiment u jigu prezentati d-Dwana ghall-approvazzjoni qabel isir it-trasferiment, ix-xhud wiegeb li fil-kaz tas-San Bert it-trasferimenti jkunu saru Ghawdex u tad-Dwana

kemm kien ilu jahdem hu qatt ma kienu gew Ghawdex. Hu kien jghaddi d-dokumenti b'email. Mistoqsi jekk dawn id-dokumenti ghaddewx zmien wara li sehh l-incident, ix-xhud ma ftakarx. Pero' qal li d-Dwana qatt ma ikkontestat li l-kumpanija ma kinitx qeghda tghaddilha d-dokumenti. Dakinhar li sehh l-incident, ix-xhud ma kellemx lin-nies tad-Dwana u d-diretturi ma talbuhx biex jghaddi xi informazzjoni lid-Dwana. Ix-xhud qal li ma kienx konxju li ghaddew delivery notes li rrizultaw foloz.

Noel Vella (Fol. 313 *et seq.*) il-financial controller tal-kumpanija Go Fuels, li qabel kienet maghrufa bhala Salvu Zammit & Sons Limited, ipprezenta numru ta' dokumenti koncernanti l-kaz. Ipprezenta dokumenti li juru kull trasferiment li jsir minn gol-vapur ghar-road tanker jew vapur iehor, dokumenti li jigu prezentati lid-Dwana li juru t-trasferiment minn vapuri u/jew trakkijiet, u dokumenti li juru li d-dazju jkun thallas. Ikkonferma li l-pagamenti ghall-konsenji tat-22 ta' Ottubru 2010, id-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2010 saru. Il-pagament ghal tal-4 ta' Novembru 2010 ma kienx sar peress li dan inqabad mid-Dwana u ma nbieghx. Ikkonferma wkoll li t-trakk tal-kumpanija huwa KAB 487 u mhux KAB 187 u li ghalhekk kien hemm typo fid-dokument prezentat.

**Ikkunsidrat:**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex

tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull l-icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F'sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one"*. F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t' Ottubru 2006)."*[3]

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qeghdin jigu akkuzati l-imputati u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

---

[3] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

- **L-Akkuza rigward it-22 ta' Ottubru 2010 – Akkuza Ittra (a); Parti mill-Akkuza Ittra (e)**
- **L-Akkuza rigward id-29 ta' Ottubru 2010 – Akkuza Ittra (b); Parti mill-Akkuza Ittra (e)[4]**

Jibda biex jinghad li b'riferenza ghal dawn l-akkuzi kemm tad-Direttur Generali (Dwana) kif wkoll tad-Direttur Generali (VAT) din il-Qorti ma tista qatt tasal biex issib xi forma ta' htija ghal dawn l-imputazzjonijiet stante li l-process huwa kompletament sajjem minn xi forma ta' provi rigward dak li allegatament gara f'dawn iz-zewg dati. L-ufficjali tad-Dwana li xehdu inkluz ukoll l-Ufficcjal Prosekutur irriferew dejjem ghad-data tal-erbgha (4) ta' Novembru 2010 u d-dati tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru 2010 u tad-disgha u ghoxrin (29) ta' Ottubru 2010 ma saret riferenza ghalihom imkien hlief fil-*letters to prosecute* li hargu mid-Dipartimenti rispettivi. Ghalkemm il-letters to prosecute gew konfermati t-tnejn li huma bil-gurament mir-rapprezentanti rispettivi tad-Dipartiment, per se dawn ma jistghux jitqiesu li jammontaw ghal xi prova stante li l-*letter to prosecute* hija biss verzjoni ta' "kwerela" li l-kontenut taghha xorta jrid jigi ippruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

[4] Dan japplika kemm ghall-akkuzi mahruga mid-Direttur tad-Dwana u anke dak tad-Dipartiment tal-VAT peress li l-akkuzi huma identici.

- **<u>L-Akkuza rigward fuel li gie supplit lid-Dghajsa "Jane S" – Akkuza Ittra (d)(iii)</u>**

Rigward l-akkuza koncernanti d-dghajsa "Jane S", l-unika prova li ngabet kienet dik li din l-Opra tal-bahar hija registrata fuq isem Michael Zammit u li fiz-zmien ta' Novembru 2010 kienet qeghda tintuza bhala work boat. Ma ngabet l-ebda prova dwar it-tip ta' fuel li kienet intitolata li tiehu din id-dghajsa u jekk kienx hemm xi abbuz f'dan is-sens. Ix-xhud tal-Merchant Shipping Directorate sostna li ma kienx f'posizzjoni li jghid jekk kienx hemm xi forma ta' beneficcji fir-rigward tal-konsum ta' fuel ghal work boat.[5] Anzi wkoll Anthony Bonello, Ufficcjal tad-Dwana fix-xhieda tieghu tal-erbgha (4) ta' Gunju 2013 jghid li ma rrizulta xejn irregolari fir-rigward ta' dan il-bastiment:

> *"<u>L-Avuakat Dottor Cedric Mifsud:</u>*
> *...... Issa ġew esibiti wkoll receipts fejn hemm miktub*
> *"Jane S." "Jane S" x'inhu?*
> *Jane S" hija lanċa li tappartieni lil Mr Zammit.*
> *<u>L-Avuakat Dottor Cedric Mifsud:</u>*
> *U x'irriżultalek minn dawn ir-receipts? Għaliex ġew*
> *esibiti?*
> *<u>Ix-xhud:</u>*

[5] Fol. 176 tal-process.

*Le, aħna, dak tlabnihomlu jiġifieri, tlabna l-kotba li kellu rċevuta ta' tal-, u tahomlna jiġifieri, it-tlieta (3) li huma.*

*L-Avuakat Dottor Cedric Mifsud:*

*Jirriżulta li dawn huma foloz b'xi mod jew jew hekk?*

*Ix-xhud:*

*Dawk huma tiegħu stess il-lanċa; aħna tlabna l-logbook.*

*L-Avuakat Dottor Cedric Mifsud:*

*X'irriżultalek, mhux –*

*Ix-xhud:*

*Le, tlabnieh il-logbook tal- però qalilna li ma jużahx il-logbook għal għaliha.*

*L-Avuakat Dottor Cedric Mifsud:*

*Le, imma x'irriżultalek?*

*Ix-xhud:*

*Aħna minn naħa tagħna ma rriżulta xejn."*[6]

**Huwa inaccettabbli li r-rapprezentanti tad-Dipartiment tad-Dwana u tal-VAT jonqsu mill-jikkoordinaw mal-Prosekuzzjoni u jgibu provi fuq akkuzi li fl-ahhar mill-ahhar kienu huma stess li indikaw. Ir-rizorsi u l-hin tal-Qrati taghna ma jistax joqghod jinhela b'akkuzi li mbaghad fuqhom ma jittresqux provi, aktar u aktar meta wiehed iqis li l-istess Prosekuzzjoni damet xejn anqas minn erbgha (4) snin biex iddikjarat il-provi taghha maghluqa. Zgur li ma kinitx maghfusa biz-zmien biex tressaq il-provi taghha. Il-Qorti ma tistax ukoll ma**

[6] Fol. 108 tal-process.

**tinnutax li l-istess Prosekuzzjoni flimkien mad-Dipartiment tad-Dwana u l-VAT lanqas biss indenjaw ruhhom jipprezentaw Nota ta' Sottomissjonijiet in sostenn tal-akkuzi. Dan meta huma nghataw kull opportunita' li jaghmlu dan.**

- **<u>L-Akkuza Rigward it-Trasferiment ta' Fuel fl-4 ta' Novembru 2010 – Akkuza Ittra (c)</u>**
- **<u>L-Akkuza Rigward Informazzjoni Falza ta' Trasferiment ta' Fuel mill-bowser KAB 487 ghal San Bert – Akkuza (d)(ii)</u>**
- **<u>Parti mill-Akkuza (e) li l-vettura KAB 487 intuzat biex igorr prodotti li ma jkunx thallas Dazju tas-Sisa</u>**

Kif gia senjalat, il-provi li gew prodotti mill-Prosekuzzjoni fil-kors ta' din il-kawza kienu jikkoncernaw l-allegat incident tal-erbgha (4) ta' Novembru 2010. L-imputati qeghdin jigu akkuzati li huma ittrasferew fuel minn fuq MT San Bert II ghal fuq il-Bowser KAB 487 minghajr ma kienu awtorizzati u li dan kollu sar bi hsieb li ma jithallsux d-dazju u t-taxxi relattivi ghal tali fuel. Infatti l-Ispettur illum Assistent Kummissarju Ian Abdilla xehed fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012 li skont ir-rapport li sar lis-Sezzjoni tieghu: *"Konna ġejna infurmati li waqt li l-uffiċjali tad-dwana kienu Għawdex, kienu marru għand – kellhom informazzjoni li kien hemm bowzer bin-numru ta' reġistrazzjoni KAD*[7] *487 liema bowzer kien jgħajjat lil ċertu Michael Zammit tal-kumpanija Messrs Salvu Zammit & Sons, liema bowzer kien qiegħed jagħel floating ta' diesel*

[7] Dan imbaghad gie koregut ghal KAB 487.

*apparentament bil-kuntrabandu minn fuq il-barge San Bert u sussegwentament jittieħed għal għal garaxx, dan mingħajr l-awtorizzazzjoni tad-dwana".*[8]

Mill-provi li gew prodotti pero' din il-Qorti ma thossiex li tista' tasal ghall-konkluzjoni li tista' tinstab htija taht dawn l-akkuzi. Dan qieghed jinghad ghas-segwenti ragunijiet:

(a) L-ufficjali tad-Dwana sabu t-trakk KAB 487 fil-garaxx tas-service station tal-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited, skont kif ikkonferma Anthony Fenech fid-deposizzjoni tieghu.[9] Ma kienet ghaddejja l-ebda offloading ta' diesel minn fuq is-San Bert;

(b) Ghalkemm jinghad li ttiehdu kampjuni minn fuq il-Barge San Bert, jidher li gew ittestjati biss il-kampjuni li ttiehdu mill-Bowser biss. Infatti ghalkemm Joseph Borg jixhed li ttiehdu zewg kampjuni minn fuq il-barge, la Bernardette Mallia u lanqas il-Profs. Vella ma rriferew li huma ghamlu testijiet fuq kampjuni mill-Barge. Ghalhekk ma sar l-ebda ezami komparattiv biex jigi stabbilit jekk id-diesel li kien hemm fuq il-barge kienx jaqbel mad-diesel li nstab fuq il-bowser KAB 487;

(c) Ghalkemm ittiehed sample tal-fuel minn fuq il-Gaudos, dan is-sample jidher li qatt ma gie ittestjat mill-espert nominat minn din il-Qorti. L-espert jidher li gie mghoddi biss il-fuel li kien gie elevat mill-kompartimenti tal-Bowser KAB 487 u mill-fuel tank tal-istess

[8] Fol. 19 tal-process.
[9] Fol. 110 tal-process.

bowser. Ghalhekk lanqas ma seta' jsir ezami komparattiv biex jigi stabbilit jekk il-fuel fuq il-bowser, dak fuq il-barge u dak fuq il-Gaudos kienx l-istess tip ta' fuel;

(d)Ghalkemm id-dokumenti prezentati minn Bernardette Mallia qeghdin jirreferu ghal testing tan-National Marker, fid-deposizzjoni taghha din ix-xhud ma tindikax jekk it-test ghal dan in-National Marker kienx wiehed pozittiv jew negattiv. Dan kien essenzjali li jigi spjegat jew tal-anqas indikat b'mod car. Kif spjega il-Profs. Alfred Vella fir-rapport tieghu:

> *"F'Malta il-gas oil jigi mizjud mill-ufficjali tad-Dwana b'kimici li jimmarkawh sabiex dak il-gas oil li fuqu tkun thallset is-sisa (gas oil duty paid) ikun jista' jingharaf minn dak li fuqu ma tkunx thallset is-sisa (gas oil duty free).*
>
> *Hekk il-gass oil duty paid ikollu fih il-kimika National Marker u l-kulur tieghu ikun "abjad" u cioe jkollu l-kulur naturali tieghu (cjoe lewn safrani).*
>
> *Il-"gas oil duty free" jigi kkolorit b'dye substance ta' lewn ahmar u fih dan il-fjuwil ma tigix mizjuda l-kiminka National Marker; minflokha titpogga kimika ohra maghrufa bhala Solvent Yellow illi biex tigi svelata wiehed jrid jaghmel mizurament fil-*

*laboratorju. Hemm fjuwil iehro li jigi pprovdut lis-suq li jissejjah "gas oil duty rebate" u dan jinghata bi prezz specjali ghall-uzu minn sajjieda, ecc. Il-"gas oil duty rebate" fih tahlita ta' tlett addittivi, cjoe il-kulur ahmar, is-Solvent Yellow u n-National Marker."*[10]

Kien essenzjali ghalhekk li jigi indikat jekk it-test ghan-national marker kienx wiehed pozittiv jew negattiv ghaliex b'hekk seta' jigi stabbilit il-provenjenza tal-fuel u anke jekk fuqu tkunx thallset diga s-sisa jew le. Il-fatt li Mallia tirreferi biss u taghti spjega ghat-testijiet ghas-solvent yellow seta' biss jindika li d-diesel kien jew gas oil duty free jew inkella gas oil duty rebate. Pero' ma setax iwassal ghall-konkluzjoni jekk fuq il-fuel kinitx diga thallset sisa jew le, la darba fuel bis-solvent yellow jista' jkun duty free jew inkella duty rebate;

(e) Ir-rapport tal-Profs. Alfred Vella ma jaghti l-ebda komfort lit-tezi tal-Prosekuzzjoni ghaliex il-konkluzjoni tieghu hija bazata fuq supposizzjoni ta' **<u>x'seta sehh u mhux x'kien sehh</u>**: *"Ghalhekk l-esponenti jiddeduci li x'aktarx dawn il-fjuwils homor b'livelli ta' kubrit iktar baxx minn 1000ppm x'aktarx huma fjuwils maghmulin minn tahlita tal-fjuwil gas oil duty free jew gas oil duty rebate mixtri regolarment ma' fjuwil b'kontenut ta' kubrit baxx li x'aktarx ikun gie pprokurat b'manjiera irregolari (u cioe li ma tinvolvix hlas ta' sisa) biex b'hekk it-tahlita jkollha livell ta' kubrit li huwa l-"weighted average" tal-*

[10] Fol. 235 tal-process

*komponenti fit-tahlita."*[11] Kif gia rilevat, il-fatt li ma sarux testijiet tal-fuel ta' fuq il-barge u l-fatt li ma sarux testijiet fuq il-fuel li kien inghata l-vapur Gaudos, ma seta' jsir l-ebda ezami komparattiv biex jigi stabbilit jekk kienx hemm tahlit ta' fuel bl-intiza li jigu evitat l-hlas ta' dazju;

(f) Il-fuel hareg mill-facilita' li kellha l-Enemalta f'Ras il-Hanzir. Kif ikkonferma Chris Cini, ir-rilaxx tal-fuel mid-Depot tal-Enemalta isir fil-presenza ta' fizzjal tad-Dwana. Kif jispjega Cini: "*. . . . Tajjeb li nagħmel referenza u nżid li meta jien immur bil-bawżer, meta x-xufier imur bil-bawżer jew jidħol vapur ġewwa t-terminal li jkun hemm il-fizzjal preżenti dejjem tad-dwana il-fizzjal ikun jaf li dak il-vapur jew dik il-vettura hi liċenzjata li taħżen jew inkella li tirċievi dak il-fuel li qiegħda titlob. Jiġifieri dik tagħtna s-serħan tal-moħħ li veru qed jgħidulna tad-dwana għaliex kieku riedu jwaqqfuna għax il-liċenzja kienet skaduta l-fizzjal meta jmur il-vapur jgħabbi d-duty free gas oil jew il-vettura tmur tgħabbi id-duty free gas oil ma kienx se jħallih jgħabbi."*[12] Dan il-fatt fl-ebda hin ma gie kontestat mill-Prosekuzzjoni jew inkella mir-Rapprezentant tad-Dipartiment tad-Dwana;

(g) Il-kumpanija Salvu Zammit & Sons Limited kellha Tax Warehouse Certificate li sa' April 2010 kien ghadu validu. Stranament dan il-fatt ma ssemma mkien mir-rapprezentanti tad-Dwana waqt ix-xhieda taghhom. Skont kif jispjega Michael Zammit, u korraborat minn Chris Cini, haddiem tal-kumpanija li kellu hands on tas-

[11] Fol. 237 tal-process
[12] Fol. 299 tal-process

sitwazzjoni, saru tenattivi biex dan it-Tax Warehouse Certificate jiggedded. Infurmaw wkoll lid-Dwana li xtaqu jdahhlu t-trakk KAB 487 bhala vettura ohra sabiex din tkun awtorizzata ggorr id-duty free fuel. Pero' jidher li peress li kien hemm arrangamenti interni ghaddejjin, it-tigdid u l-emendi rikjesti ma setghux jigu processati u d-Dwana nfurmat lill-kumpanija biex tibqa' ghaddejja bil-proceduri normali u biex anke tuza t-trakk il-gdid. Cini dahal f'hafna dettal f'dan ir-rigward fix-xhieda tieghu:

*"<u>Ix-xhud:</u>*
*Dan huwa liċenzja li d-dwana tat lil Salvu Zamit & Sons Ltd. bħala authorised tax warehouse keeper u hawn ir-referenza lis-Sunberth li huwa proprjetà tal-istess kumpanija Salvu Zamit & Sons Ltd. biex jirċievi, iżomm, imexxi u jissuplixxi l-gas oil. Din il-liċenzja ingħatat fis-sitta u għoxrin (26) ta' April tat-two thousand and five (2005) u wara din il-liċenzja, minkejja li aħna tlabna – 'l għaliex il-liċenzja tgħid li hi valida għal ħames (5) snin, jiġifieri f'April tat-two thousand and ten (2010) allura aħna nkunu responsabbli biex nitolbu biex nġeddu din il-liċenzja.*
*<u>Avukat Dottor Cedric Mifsud:</u>*
*U x'ġara f'April tat-2010 meta skada ċ-ċertifikat?*
*<u>Ix-xhud:</u>*

*Ħafna qabel April tat-2010, għax aħna ma nħallux għall-aħħar biex nitolbu biex inġeddu għax hemm ammont ta' dokumenti li aħna rridu nissottometu, minn xi ġimgħat qabel aħna nkunu qed navviċinaw lid-dwana, avviċinajna lid-dwana biex ninfurmawhom li l-liċenzja issa se tiskadi appuntu f'April tat-2010, fis-26. U biex naraw x'hemm bżonn u naraw x'inhi l-proċeduri issa, ħames snin wara li tkun ingħatatilna l-ewwel liċenzja, biex inġeddu l-liċenzja għal proprjetà, vapuri u vetturi tagħna. U dakinhar d-dwana kienet għaddejja minn żmien ta' jirranġaw il-proċeduri tagħhom internament u kienu għadhom mhux ċari jekk u kif se jinħarġu l-liċenzja f'April tat-2010. Meta ovvjament iż-żmien beda joqrob għal data li kienet se tiskadi din il-liċenzja bdejna nagħmlu aktar pressjoni fuq id-dwana, fuq il-persuni li konna nikkuntattjaw aħna fi-dwana, fil-fuel section, u dawn bdew jagħtuna indikazzjoni li kien hemm qisu xi problema minħabba l-kwistjoni li kien se jinbidel id-dazju l-ammont ta' dazju li jitħalls fuq il-fuel li aħna nbiegħu. Issa d-dazju jaffettwa għax il-liċenzja torbotna, torbot lilna u lil kull min għandu liċenzja bħalha, li aħna rridu nagħmlu garanzija l-bank biex jekk ikun*

*hemm xi nuqqas minn naħa tagħna tagħmel tajjeb din il-garanzija, id-dwana jkunu jistgħu jieħdu din il-garanzija. Din il-garanzija hemm metodu kif tinħadem. Ma jivvintawhiex id-dwana kif jidhrilhom imma aħna niddikjaraw lid-dwana kemm beħsiebna nagħmlu muviment ta' fuel matul is-sena, bil-vettura individwali speċifika li nkunu qed napplikaw għaliha u huma skont ir-rata tad-dazju ta' dak iż-żmien jaħdmu l-ammont tal-garanzija tal-bank kemm għandha tkun, jikkalkolaw l-ammont tal-garanzija kemm għandha tkun. Allura jekk ma jkunx hemm ċar id-dazju kemm se jkun ma setgħax wieħed jikkalkula kemm għandha tkun il-garanzija.*

*<u>Avukat Dottor Cedric Mifsud:</u>*
*U dan kollu ġara meta?*
*<u>Ix-xhud:</u>*
*Dan kollu ġara mit-two thousand and ten (2010) sa prattikament is-sena l-oħra, meta eventwalment ħarġu uffiċċjalment dan iċ-ċertifikat imġedded."*[13]

......

[1313] Fol. 299 tal-process.

Avukat Dottor Cedric Mifsud:

*Issa dwar il-KAB 487 li hi msemmija fiċ-charges fil-konfront ta' Michael u Anthony Zammit, x'taf tgħidli fuq din il-vettura?*

Ix-xhud:

*Ovvjament il-kumpanija riedet tkabbar l-operat tagħha matul iż-żmien u l-vettura KAB 487 kellna bżonn inżiduha mal-vetturi tagħna biex aħna nkunu nistgħu noperaw in-negozju tagħna. Dan inzerta kien żmien meta semmejt li d-dwana kienet għaddejja minn żmien ta' organiżazzjoni interna u ma setgħetx toħroġ allura tax warehouse certificate ġdid. L-istess raġuni għaliex dana jien ridt niddikjara jien kemm se nagħmel muviment ta' fuel b'din il-vettura u allura kienet se titlob minni li jien inżid il-garanzija bankarja. Jiġifieri peress li dan il-mekkaniżmu tal-ammont, tal-garanzija, kemm se jiżdied ma setgħetx tagħmlu d-dwana kienet tagħtna permess biex – verbalment jiġifieri – biex nistgħu naħdmu u noperaw b'din il-vettura, u tant huwa hekk li meta l-vettura kienet tmur tgħabbi l-fuel duty free mit-terminal tal-Enemalta fil-preżenza tal-fizzjal, il-fizzjal qatt ma waqqafna milli nirċievu dan il-fuel fil-vettura KAB 487 u again din għalina kienet garanzija li speċi eħe*

*dak li qed jgħidulna d-dwana biex aħna naħdmu b'mod verbalment biex aħna nkomplu naħdmu, qegħdin jikkonfermawha għax kieku ma riduniex naħdmu biha l-fizzjal ma kienx iħallina."*[14]

Dawn il-fatti – li fl-ebda hin ma gew kontestati mir-rapprezentanti tad-Dwana – jindikaw ukoll li l-element intenzjonali da parti tal-imputati kien ghal kollox nieqes. Huma kienu konxji tal-procedura li trid issir u ghamlu t-tentattivi biex jizguraw ruhhom li jkunu in regola pero' jidher li minhabba ragunijiet ta' burokrazija da parti tad-Dipartiment tad-Dwana, id-dokumenti relattivi inhargu biss fl-2017.

(h) Bhala procedura ghall-hlas tad-dazju dovut, dan ma kienx jithallas mal-konsenja. Izda kien jithallas fl-ahhar ta' kull xahar wara li ssir rikonciljazzjoni tal-ammont li l-kumpanija tkun xtrat mal-ammont ta' fuel li jkun gie mibjugh lill-persuni li jkunu intitolati ghalih, li mbaghad min-naha taghhom jitolbu rifuzjoni tad-dazju li jkunu hallsu. Dan spjegah Chris Cini fid-deposizzjoni tieghu:

*"<u>Avukat Dottor Cedric Mifsud:</u>*
*Issa meta tixtru l-fuel xi tkun il-proċedura mbagħad wara li toħorġu mid-depot tal-Enemalta? Xi tridu tagħmlu bħala kumpanija?*
*<u>Ix-xhud:</u>*

[14] Fol. 300 tal-process.

*Eħe, wara li jkun ġie iċċekkjat il-vettura jew il-vapur minn fizzjal tad-dwana aħna mbagħad il-proċedura titlob li aħna kull xahar, fl-aħħar ta' kull xahar, nirrapportaw id-dwana kemm il-muviment tal-fuel. Jiġifieri xi fuel irċevejna u xi fuel aħna tajna lill-klijenti tagħna, u fl-aħħar tax-xahar dak il-fuel li aħna nkunu bejgħna, li aħna nkunu rċivejna b'mod bla dazju, duty free, u tajnih lill-klijenti li jistgħu jirċievu diesel duty free imma xorta jkun irid jitħallas id-dazju fuqu mingħanda, is-sistema taħdem li aħna ntuhom fuel li aħna niċċarġjawhom id-dazju lill-klijenti, imbagħad il-klijenti hemm sistema kif jirraportaw lid-dwana biex id-dwana tirrifondihom dak id-dazju. Allura aħna nkunu rridu nħallsu d-dazju fuq dan il-fuel lid-dwana għax inkunu qed niġbruħ mingħand il-klijenti tagħna. Però dan ma jsirx wara kull bejgħ li jsir, jiġifieri jekk jien f'xahar inbiegħ għaxar darbtiet mhux dawk l-għaxar darbiet kull darba irrid noqgħod immur id-dwana inħallas id-dazju. Fl-aħħar tax-xahar nibagħtulhom rapport, jien kont nibagħtilha rapport lid-dwana, u nħallsu skont kemm jitla' l-ammont ta' dan ir-rapport."*[15]

[15] Fol. 301 tal-process.

Dan kollu huwa sostnut mid-dokumenti li ipprezenta l-financial controller tal-kumpanija Noel Vella. Xi whud mid-dokumenti prezentati minn Vella, gia kienu gew prezentati mill-Ufficjal Prosekutur fil-bidu ta' dawn il-proceduri.[16] Id-dokumenti li gew prezentati fil-bidu tal-proceduri u li jirreferu ghal Ottubru 2010 fl-ebda hin ma gew kontestati mid-Dipartiment tad-Dwana. Apparti minn hekk jekk wiehed jirreferi a fol. 27 tal-process, isib nota li sejjer ikun hemm rata gdida ta' dazju wara l-budget. Dan jikkonferma l-verzjoni li ta Cini li kien se jkun hemm tibdil fis-sisa u fil-kalkoli ta' kif tinhadem il-garanzija bankarja.

Dan iwassal ghall-kunsiderazzjoni importanti ohra rigward l-akkuza tal-evazjoni tad-dazju/VAT jew attentat tal-evazjoni ta' dazju/VAT. Fl-istadju li saret il-qabda tal-bowser mimli fuel mid-Dwana kienet ghadha ma saret l-ebda rikonciljazzjoni ghall-fini ta' komputazzjoni ta' dazju/VAT. Dan ghaliex il-fuel kien sewwasew ghadu ma nbieghx. L-ammont ta' fuel indikat fid-dokument a fol. 24 tal-process jindika bic-car l-ammont ta' fuel li kien qieghed jingarr fil-bowser KAB 487. Dan huwa sewwasew l-ammont ta' fuel li gie sekwestrat mid-Dwana.[17] F'tali cirkostanza din il-Qorti ssibha difficli biex tikkunsidra li lahqu saru xi atti preparatorji ghall-kummissjoni tar-reat li jistghu jattiraw sanzjonijiet penali. Ma kienx il-kaz il-fuel kien lahaq gie mibjugh lil terzi mill-bowser u kienu qeghdin isiru dikjarazzjonijiet lid-Dwana biex ma tithallasx it-taxxa kollha dovuta.

[16] Ara fol. 24 sa 28 tal-process u fol. 323, 324 u 325 tal-process.
[17] Ara Dokument JB a fol. 40 tal-process.

- **<u>L-Akkuza Rigward in-Nuqqas ta' Hlas ta' € 2,618 Dazju tas-Sisa u € 941 VAT -Akkuza Ittra (f)</u>**

Ghalkemm il-Prosekuzzjoni tat din l-akkuza, ma nghatat l-ebda spjegazzjoni da parti tar-rapprezentanti tad-Dwana u tad-Dipartiment tal-VAT u lanqas tressqet prova dwar il-valur tal-fuel u dwar kif id-Dipartimenti tad-Dwana u tal-VAT wasslu sabiex ikkalkulaw il-fuel li allegatament ma thallasx Dazju u VAT fuqu. Din il-Qorti ghalhekk kienet fl-impossibilita li tivverifika l-figuri ikkwotati fl-akkuza u ghalhekk ma setghetx tkun konvinta li l-ammonti reklamati tabilhaqq kienu dovuti. La darba tali provi ma ngabux, din il-Qorti ma tistax taghmel tajjeb hi ghal dan in-nuqqas u tipprova tassumi dwar kif id-Dipartiment setghu waslu ghall-ammonti ikkwotati fl-akkuza. Ghalhekk lanqas ma tista tinstab htija f'din l-akkuza.

- **<u>L-Akkuzi Rigward Falisfikazzjoni ta' Dokumenti Rigward Bejgh ta' Fuel lil United Comino Ferries u Comino Hotel – Akkuzi (d) u (d)(i)</u>**

Fir-rapport tieghu l-espert tal-Qorti Dr. Martin Bajada jikkonkludi li: *"Minn analizi komparattiv bejn il-firma ta' Anthony Zammit u l-firem fuq il-fatturi f'Dok CF 1, CF 3, CF 7, CF 9, CF 13, CF 15 u CF 18. Il-firem fuq dawn id-dokumenti meta mqabbla fl-analizi komparattiv mal-kampjun tal-firma jirrizultaw identici, hlief ghad-devjazzjoni naturali. L-istess jirrizulta fil-konfront tal-kitba fuq l-istess fatturi. M'hemm l-ebda dubju li dawn il-fatturi nkitbu u gew iffirmati minn Anthony Zammit."*[18]

[18] Fol. 229 (Pagna 7 tar-rapport)

Id-difiza tattakka din il-konkluzjoni ghax targumenta li sabiex l-ezami jkun wiehed shih, akkurat u ampju, il-firem riedu jitqabblu mal-firma ta' Mark Bajada a fol. 101(a) li saret fl-istess zmien li sehh il-kaz aktar milli mal-kampjuni ta' firem li ttiehdu mill-espert snin wara li sehh il-kaz. Dak li pero' li jqanqal dubju f'din il-Qorti rigward il-konkluzjoni li wasal ghalija Martin Bajada hija din: id-dokument a fol 83 sa fol. 100 huma kollha fotokopji u l-ebda wiehed minnhom m'hu dokument originali. Allura jigi li sar tqabbil ma' firma li hija fotokopjata. La darba l-ezami komparattiv sar ma' fotokopja ma setghetx issir analizi fuq il-karatteristici (traits) ta' punti ta' pressjoni (pressure points) tal-istess firma. Barra minn hekk l-espert joqghod hafna fuq il-mod ta' kif inkitbet il-firma biex johrog il-karatteristici taghha. Imma la darba dan l-ezercizzju sar fuq fotokopja m'hemm xejn x'jeskludi li bil-fotokopja nniffisha il-firem ma setghux gew modifikati fid-daqs u d-dehra taghhom b'mod li tilfu l-karatteristici originali taghhom.

Huwa minnu li Mark Bajada jichad li dawn il-firem fuq id-dokumenti ma kinux tieghu; pero b'daqshekk mhix suffragata l-konkluzjoni tal-espert tal-Qorti.

Fic-cirkostanzi ghalhekk din il-Qorti ma tistax tasal sabiex b'konvinciment issib htija fl-imputat Anthony Zammit minhabba l-fatt li ma gewx uzati l-original tad-dokumenti sabiex isir l-ezami komparattiv. Fir-rigward tal-imputat Michael Zammit, huwa fl-ebda hin ma gie assocjat ma' dawn l-allegati firem foloz u fil-konfront tieghu ghalhekk lanqas ma tista' tinstab htija.

- **DECIDE:**

Ghaldaqstant fid-dawl ta' dak premess aktar 'il fuq, il-Qorti mhux qeghda ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi li gew dedotti fil-konfront taghhom u qeghda ghalhekk tilliberahom mill-akkuzi kollha.

---

**Dr. Joseph Mifsud**

**Magistrat**